**11. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Billi skond l-artikolu 6 tal-istatut tal-Kunsill tal-Ewropa l-Kumitat tal-Ministri kien stabbilixxa illi l-Membri li jirrappreżentaw Malta fuq l-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill għandhom ikun tlieta u li kull Membru jista' jkollu wieħed li jissostitwih;

u Billi skond l-artikolu 25 ta' l-istess statut ir-rappreżentanti u s-sostituti tagħhom għandhom jiġu nominati mill-Parlament tagħhom jew kif il-Parlament jiddeċiedi:

Huwa għalhekk risolut li:

L-Onor.
Joseph Brincat, M.P.,
John Buttigieg, M.P.,
Reno Calleja, M.P.,
Guido de Marco, M.P.,
Joseph Ph. Sciberras, M.P.,
Vincent Tabone, M.P.,
jiġu nominati rappreżentanti ta' Malta fuq il-Kunsill ta' l-Ewropa.

29.11.1976

**Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, ressaq din l-Emenda "A":**

Għandu jitħassar il-kliem kollu wara "Huwa għalhekk riżolut li" u jidħlu flokhom dan li ġej:

"L-Onor.
Joseph Brincat,
Joseph Ph. Sciberras,
Censu Tabone,

ikunu nominati rappreżentanti ta' Malta fuq il-Kunsill ta' l-Ewropa; u li

L-Onor.
John Buttigieg,
Reno Calleja,
Guido de Marco,

ikunu nominati sostituti rispettivament għall-Membru fuq imsemmija;

Huwa riżolut ukoll illi l-perijodu tan-nomina ta' rappreżentant jew sostitut jgħodd mid-data ta' l-apertura tas-sessjoni ordinarja li tiġi wara, kif stabbilit fl-artikolu 25, ta' l-istatut, u li rappreżentant jew sostitut iżomm din il-kariga sakemm ikun Membru tal-Parlament u sa żmien sentejn mil-lum.

L-Onor. Membri hekk maħtura għandhom, darba kull sitt xhur, jippreżentaw lill-President tal-Kamra tad-Deputati rapport, u jekk ikun il-każ, rapprot tal-minoranza, rigward l-attivitajiet tagħhom matul l-istess perijodu.

Kopja ta' dan ir-rapport għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u għandha tiġi ċirkolata lill-Onor. Membri tal-Kamra tad-Deputati.

06.12.1976

**Ir-Riżoluzzjoni, kif emendata, għaddiet nem. con. fis-seduta 5 tat-Tnejn, 6 ta' Diċembru, 1976**